**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 22 ta' Marzu, 2017**

**Citazzjoni Nru: 1442/1993 AF**

**Mario, Victor u Godwin ahwa Vella f'isimhom proprju u ghad-ditta "Vella Brothers"**

**vs**

**Frank Paul Sammut**

Il-Qorti:

Rat l-att taċ-ċitazzjoni tal-atturi Mario, Victor u Godwin aħwa Vella f'isimhom proprju u għad-ditta "Vella Brothers" li ġie ppreżentat fis-26 ta' Ottubru 1993, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

L-atturi ghandhom jiehdu s-somma ta' hamest elef hames mija erbgha u tletin Lira u tmienja u ghoxrin centezmi (Lm5534.28) minghand il-konvenut bhala bilanc ta' somma akbar fuq xoghol ta' kostruzzjoni f' "Sambro" Arcade Street, Paola fuq inkariku tal-istess konvenut.

Interpellat kemm il-darba anki bl-ittra legali tad-19 ta' Ottubru

1993, il-konvenut baqa' ma hallas xejn mill-ammont dvout.

Intalbet din il-Qorti sabiex tikkundanna l-konvenut:

1. Ihallas lill-atturi s-somma fuq imsemmija ta' hamest elef hames mija erbgha u tletin Lira u tmienja u ghoxrin centezmi (Lm5534.28) bhala bilanc ta' somma akbar dovuta fuq xoghol ta' kostruzzjoni.

2. Ihallas ukoll l-imghaxijiet legali fuq l-istess ammont ta' Lm5534.28 b'effett mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tad-19 ta' Ottubru 1993 kontra l-konvenut li jibqa' minn issa imharrek ghas-subizzjoni.

Rat li fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 1993, din il-Qorti diversament presjeduta wara li semgħet lill-konvenut laqgħet it-talba tiegħu biex jikkontesta t-talba, u ordnat li l-kawża tinstema' bil-proċedura normali u li l-konvenut jippreżenta n-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu fi żmien ghoxrin (20) ġurnata.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Frank Paul Sammut u wkoll il-kontro-talba tiegħu li ġew ippreżentati fit-12 ta' Novembru 1993 fejn gie eccepit illi:

Id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante li l-ammont reklamat mhux dovut, u dan kif sejjer jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ix-xoghol ma sarx skond ma titlob is-sengha u l-arti, huwa difettuz f'diversi partijiet u in ogni caso l-ammont reklamat huwa bil-bosta ghola minn dak li talvolta jista' jkun dovut.

Fl-esekuzzjoni tax-xoghol da parte tal-atturi dawn ikkawzaw danni qawwija lill-konvenut li ghalihom qeghdin jinzammu responsabbli.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-atturi għal-kontro-talba tal-konvenut, liema nota ġiet ippreżentata fit-30 ta' Novembru 1993 fejn eccepew illi:

Ix-xoghol tal-atturi sar skond is-sengha u l-arti u fil-fatt il-konvenut kompla bix-xoghol tal-finishing.

Il-kont tal-atturi huwa bazat fuq il-prezzijiet miftehma tas-26 ta' Lulju 1991 u fuq il-kejl li ghamel is-surveyor tal-konvenut.

Mhuwiex minnu li l-konvenut soffra xi danni minhabba x-xoghol li ghamlu l-atturi.

Ir-raba' talba rekonvenzjonali hija superfluwa stante li tifforma parti mill-mertu tat-tieni eccezzjoni tieghu.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tat-12 ta' Jannar 1994 li permezz tiegħu, il-Qorti diversament presjeduta hatret lill-perit tekniku l-AIC Frederick C Doublet sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attriċi, wara li jieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet, u jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku l-AIC Frederick C Doublet[1] li ġie maħluf minnu fl-1 ta' Lulju 2003.

Rat in-nota tal-konvenut tat-2 ta' Lulju 2004[2] li permezz tagħha talab il-ħatra ta' periti addizzjonali.

Rat li fis-seduta tad-9 ta' ta' Ġunju 2004[3], fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa mill-perit tekniku l-AIC Frederick C Doublet, u partikolarment fir-rigward dak li rrelata fil-paragrafu 42 tar-rapport tiegħu dwar id-danni, fejn qal li jridu jiġu

---

[1] Rapport tal-perit AIC Frederick C Doublet, fol 98-212

[2] Talba tal-konvenut għall-ħatra ta' periti addizzjonali, fol 217

[3] Ara verbal tad-9 ta' Ġunju 2004

stabbiliti minn esperti fil-materja, hija ħatret, a spejjez provviżorjament tal-konvenut, lill-istess AIC Frederick C Doublet biex bl-assistenza tal-AIC Anthony Scerri[4], jirrelataw ulterjorment dwar dak indikat fl-imsemmi paragrafu 42.

Rat ir-relazzjoni addizzjonali tal-periti tekniċi l-AIC Franco Montesin u l-AIC Frederick C Doublet[5] li ġiet maħlufa mill-istess periti fl-1 ta' Diċembru 2008.

Rat in-nota tal-atturi proprio et nomine tal-1 ta' Diċembru 2008[6] fejn talbu l-ħatra ta' periti addizzjonali a tenur tal-Artikolu 674 tal-Kap 12.

Rat li fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2010[7] innominat, a spejjez provviżorjament tal-atturi proprio et nomine, lill-periti addizzjonali Andrew Ellul, Mario Cassar u Alan Saliba.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-atturi proprio et nomine tad-9 ta' Awwissu 2010.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet responsiva tal-konvenut tat-22 ta' Novembru 2010.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku addizzjonali l-AIC Andrew Ellul[8] li ġie maħluf fit-13 ta' Jannar 2015. Huwa spjega li kien qed jipprezenta rapport indipendenti għaliex ma qabilx mal-konklużjonijiet tal-periti addizzjonali l-oħra (AIC Mario Cassar u AIC Alan Saliba).

Rat ir-rapport tal-periti tekniċi addizzjonali l-AIC Mario Cassar u

---

[4] Minħabba raġunijiet ta' mard, il-perit AIC Anthony Scerri ġie sostitwit bil-perit AIC Franco Montesin (ara fol 261-262)

[5] Rapport addizzjonali tal-periti AIC Franco Montesin u AIC Frederick C Doublet, fol 288-377

[6] Talba tal-atturi pro et noe għall-ħatra ta' periti addizzjonali, fol 381

[7] Ara verbal tat-18 ta' Marzu 2010, fol 400

[8] Rapport tal-perit tekniku addizzjoniali AIC Andrew Ellul, fol 462-467

l-AIC Alan Saliba[9], li ġie maħluf minnhom rispettivament fit-12 ta' Jannar 2015 u fit-13 ta' Jannar 2015 rispettivament.

Rat li fis-seduta tal-1 ta' Ġunju 2016[10] il-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx aktar provi rigward it-talba u l-ewwel talba rikonvenzjonali, u għalhekk ħalliet il-kawża għas-sentenza limitatament għat-talbiet fuq esposti.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet ulterjuri tal-atturi proprio et nomine li ġiet ippreżentata fis-16 ta' Awwissu 2016.[11]

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet responsiva tal-konvenut li ġiet ippreżentata fl-1 ta' Diċembru 2016.[12]

Rat id-dokumenti esibiti.

Semgħet ix-xiehda prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat li l-atturi proprio et nomine intavolaw din il-kawża kontra l-konvenut għall-ħlas ta' Lm5,534.28[13], bilanċ ta' somma akbar dovuta fir-rigward ta' xogħol ta' kostruzzjoni li sar fil-post "Sambro" Arcade Ltd, Paola, fuq inkarigu tal-konvenut.

Il-konvenut da parti tiegħu eċċepixxa li s-somma mitluba mhux dovuta għaliex:

(i) ix-xogħol ma sarx kif titlob l-arti u s-sengħa u

[9] Rapport tal-periti tekniċi addizzjonali AIC Mario Cassar u AIC Alan Saliba, fol 469-496

[10] Ara verbal tal-1 ta' Ġunju 2016, fol 523

[11] Fol 524 et seq

[12] Fol 534 et seq

[13] Dok A: il-kont fl-ammont ta' Lm5,534.28, fol 4

(ii) fi kwalunkwe każ l-ammont reklamat huwa ogħla minn dak li talvolta jista' jkun dovut.

In oltre jilmenta illi fl-esekuzzjoni tax-xogħol l-atturi proprio et nomine ikkawżaw danni qawwija fil-konfront tiegħu. Għalhekk intavola kontro-talba f'dan ir-rigward fejn talab:

(i) li jiġi dikjarat li l-atturi huma responsabbli versu lejh għad-danni stante li l-kostruzzjoni li eriġew hija difettuża u li inoltre kienu negliġenti, imprudenti, traskurati u użaw nuqqas ta' ħila fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom;

(ii) li jiġu likwidati d-danni sofferti minnu;

(iii) li l-atturi proprio et nomine jiġu kkundannati jħallsu tali danni;

(iv) u li jiġi dikjarat li l-ammont mitlub mill-atturi proprio et nomine huwa esaġerat u ma jirrispekkjax bħala prezz, il-ftehim li kien ffirmaw fil-26 ta' Lulju 1991 u għalhekk l-ammont reklamat fi kwalunkwe każ huwa ogħla minn dak attwalment dovut.

Il-perit tekniku l-AIC Frederick C Doublet ġie maħtur mill-Qorti jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attriċi.

Fir-rigward tal-ammont pretiż, huwa qies id-Dok MV1[14] konsistenti f'żewġ folji. L-ewwel folja hija datata 26 ta' Lulju 1991 u tikkonsisti f'lista ta' prezzijiet ittajpjata u b'xi noti manuskritti. It-tieni folja hija datata 27 ta' Novembru 1991 u fiha xi kundizzjonijiet manuskritti. Huwa qies il-kontijiet bi pjanti tal-kejl li ġew magħmula mis-surveyor tal-konvenut, Winston Muscat[15], u kkonkluda li (salv għal tnaqqis u penali li jista' jkun hemm għal difetti, dewmien u danni, fl-eċċezzjonijiet u l-kontro-talba tal-konvenut) l-kont Dok A esebit maċ-ċitazzjoni huwa korrett fl-ammont totali tiegħu u għalhekk

[14] Jinsab fl-involokru a fol 214

[15] Esibiti mill-attur Mario Vella bħala Dok MV31-36 (**esebiti fl-involokru – għalkemm MV 36 jidher nieqes)**

għad baqa' jitħallas minnu l-bilanċ ta' Lm5,534.28.

Fir-rigward tad-difetti, dawn elenkahom fil-paragrafi 36 sa 36.3 u spjega li dawn huma ta' tlett (3) tipi: difetti ta' natura estetika, difetti dovuti għall-ingress tal-umdità, u difetti strutturali (uħud trivjali u oħrajn aktar serji).

(i) Dwar id-difetti ta' natura estetika qal li dawn ma jaffettwawx serjament l-istabbilità tal-istruttura u li għalkemm inaqqsu l-valur tal-oġġett m'humiex ta' importanza strutturali.

(ii) Dwar id-difetti dovuti għall-ingress ta' umdità qal li huwa diffiċli biex wieħed jirranġahom għal kollox. Aċċenna għal xi kisi li ġie żviluppat għall-preservazzjoni ta' bini li sofra għarar li wieħed jista' jkaħħal bih. Spjega li dan il-kisi jgħatti d-difett tal-umdità u għalkemm ma jeqridx l-umdità jaħdem u jgħin biex ma jinfirixx iżjed.

(iii) Dwar id-difetti strutturali – uħud trivjali u oħrajn ħafna iktar serji - daħal f'dettall konsiderevoli. Prinċipalment dawn id-difetti jirreferu għal xogħol tal-ġebel, pilastri tal-konkos, u travi tal-konkos. Parti minn dawn id-difetti jalludu għall-armar tal-konkos u spustament tal-pilastri tal-konkos minn sular għall-ieħor. Hemm anke riferenza għal xi konsenturi.

Problema partikolarment serja jidher li tikkonċerna s-saħħa tal-konkos tat-travi. Il-perit tekniku aċċenna għall-*compressive strength test* tat-travu li għamlet il-kumpanija Harrison & Co Ltd (Dok SC000313)[16]. Dan id-dokument ġie ppreżentat mill-perit Simone Chircop li hija l-manager tas-soċjetà Harrison & Co Ltd. L-istess Simone Chircop spjegat li normalment il-konkos fit-travi jkun bejn 25N/mm2 u 35N/mm2. Jirriżulta li s-soċjetà Harrison & Co Ltd għamlet test fuq sample mill-"*middle beam over second floor*" u irriżulta f'saħħa ta' 13.1N/mm2.

[16] Jinsab fl-involokru a fol 214.

Skont il-perit tekniku il-minimu rikjest għal konkos ta' saħħa normali huwa ta' 20.7N/mm2. Huwa spjega li s-saħħa tal-konkos tiġi speċifikata għas-saħħa minima li għandu jiżviluppa l-konkos <u>ta' età ta' 28 ġurnata</u>. Qal li fil-fatt il-konkos ikompli jżid fis-saħħa u wara sena (sa meta jiżdied l-aktar, u wara din is-sena jiżdied b'rata minima u li dejjem tonqos) ikollu saħħa kompressiva anke sa cirka 60% aktar milli jkollu ta' 28 ġurnata. Fil-fatt huwa kkalkula li ladarba mit-test li sar fl-1999 irriżulta saħħa ta' 13.1N/mm2, jiġi li meta l-istess konkos kellu 28-il ġurnata (fl-1992) kellu xi saħħa ta' 7.85N/mm2.

Osserva wkoll *inter alia* li t-travi ġew iddisinjati (korrettament) b'għoli ta 29" mentri ġew esegwiti (erronjament) b'għoli ta' 21". Jikkummenta illi "*Ħadd donnu ma nduna b'dan l-iżball serju, li jidher li ġie proliferat fis-sulari kollha sa mill-bidu nett*."

Aċċenna għat-travu speċifikat f'Dok MW1[17] bħala 18"x29" iżda esegwit 18"x21". Qal li "*Għal xi raġuni, l-għoli tat-travu ma sarx kif dettaljat 29" iżda 21" bil-konsegwenzi kollha, u baqgħu isiru t-travi kollha hekk fis-sulari kollha.*" Ikkummenta illi bl-ammont ta' ħadid kif dettaljat f' Dok MW1, iżda b'għoli ta' 21" flok 29" dan it-travu għandu jfalli anke kieku ġie esegwit b'konkos ta' saħħa normali (20.7N/mm2) "*iżda li normalment jiġi speċifikat u ordnat Grade C25 (N/mm2) u Winston Muscat qal li kellu jkun C30 (30N/mm2) u l-perit Simone Chircop qalet sewwa li 'Normalment konkos fit-travi jkun bejn 25N/mm2 u 35Nmm2'. Aktar u aktar għandu jfalli bis-saħħa tal-konkos użat (ittestjat 13.1N/mm2)*[18] *u liema konkos ittestjat,*

[17] **Dok MW1** ġie ppreżentat minn Winston Muscat fix-xiehda tiegħu tal-15 ta' Ottubru 1999. Spjega li dan id-dokument huwa "sketch drawing" li kien ta lill-attur jew lil ħuh. Il-perit Doublet iddiskrivih bħala "*skizz datat 15.11.91 tal-perit Piju Busuttil li juri dettalji tar-rinforz tal-konkos*." Spjega li dan id-dokument juri dettalji tal-ħadid fil-kolonni u t-travi. L-atturi pro et nomine pero` ċaħdu li kellhom kopja ta' dan id-dokument. **Dan id-dokument ma jidhirx fl-involokru mad-dokumenti l-oħra**

[18] Il-kumpanija Harrison & Co għamlet compressive strength test. Ittieħed sample mill-"middle beam over second floor" u rriżulta f' saħħa ta' **13.1N/mm2.**

*meta kellu 28 ġurnata kellu saħħa probabbli ta' circa 7.85N/mm2…"* (enfasi ta' din il-qorti)

Huwa xehed in eskussjoni fis-26 ta' Marzu 2004[19]. Fir-rigward tal-għoli tat-travi qal li:

*"Il-fatt li l-perit u s-surveyor ma kkummentawx fuq il-qisien tat-travi ma jfissirx li hekk kellhom isiru. Jista' jkun li hekk kellhom isiru però mhux hekk irriżultali. Il-kont bħala fatt inħareġ fuq dak li hemm u għalija ma hemmx dubju li t-travi m'humhiex ta' 29 inches. Apparti x'jirriżulta mid-disinn jiena ngħid ukoll illi t-travu bi 21 inches mill-kalkoli tiegħi u t-testijiet li għamilt irriżulta li kien xogħol ħażin. Però ngħid illi kieku d-disinn sar hekk kien ikun hundred per cent tort tal-perit u ebda tort ma jiena nitfa' fuq il-kuntrattur.* ***Dan qed ngħidu in kwantu għad-disinn għax in kwantu għall-konkos dan jieħu t-tort ukoll il-kuntrattur****."* (enfasi ta' din il-qorti)

Huwa finalment kkonkluda li x-xogħol esegwit mill-atturi proprio et nomine ma sarx skont l-arti u s-sengħa u għandu difetti serji u konsegwentement il-konvenut m'għandu xejn x'jagħti lill-atturi proprio et nomine.

Fil-paragrafu 41.8 tar-rapport tiegħu iddikjara li fil-fehma tiegħu is-sehem tar-responsabbiltà tal-atturi proprio et nomine għad-danni huma b'dan il-mod:

(i) 100% tal-ispejjeż kollha konnessi mat-travi addizzjonali u l-brackets jew kolonni fis-2nd jew 3rd floors;

(ii) 50% tal-ispejjeż tal-kolonni kollha addizzjonali u x-xogħol konness magħhom, fil-basement, ground u 1st floors;

[19] Xiehda tal-perit Frederick C Doublet in eskussjoni, fol 238-243

(iii) 75% tal-ispejjeż tal-ippuntaljar, testijiet, drittijiet professjonali u spejjeż inċidentali konnessi mar-rimedji dwar l-istruttura fejn din tinstab debboli.

Huwa elenka d-danni fil-paragrafu 42, u cioè:

(a) fis-sehem tal-atturi proprio et nomine[20] tar-rimedji li jridu jsiru, kif ukoll tal-ispejjeż tal-investigazzjonijiet dwarhom, li ma jistgħux jiġu kkwantifikati f'dan l-istadju peress li jridu jsiru minn esperti fil-materja;

(b) il-valur imnaqqas tal-proprjetà minħabba r-rimedji kif ukoll difetti li ma jistgħux jissewwew għal kollox, u dan jista' biss jiġi kwantifikat wara li jkunu stabbiliti l-istess remedji imsemmija; u

(c) nuqqas ta' valur dwar id-difetti estetiċi rimanenti.

B'referenza għat-testijiet tal-laboratorju, il-Perit Montesin (Appendix VI – rapport tal-perit Montesin dwar it-testijiet tal-laboratorju) ikkonstata li:

> "*This yielded a value of 15N/mm2 and therefore the concrete fails and structural calulations must be based on this reduced stress i.e. 9N/mm2 or a 'characteristic strength' of 15N/mm2……It is my professional opinion that the structure needs strengthening if it is to sustain the loads it was designed for.*"

Fil-fatt fir-rapport taż-żewġ periti flimkien ġie spjegat li "*l-valur ta' 9N/mm2 huwa anqas minn dak fiċ-ċertifikat li għamlu Harrison & Co dwar il-core sample li ħadu ta' 13.1N/mm2*." (ara rapport tal-perit Doublet, para. 39.18, p.95, fol 193)

Il-periti Montesin u Doublet ikkalkulaw u kkonkludew illi s-sehem tar-responsabbiltà tal-atturi proprio et nomine għad-danni skont il-paragrafu 42 u skont il-paragrafu 41.8 tal-ewwel

[20] Is-sehem tar-responsabbilta` tal-atturi fir-rigward tad-danni huwa kif spjegat mill-perit tekniku f' para. 41.8

rapport tal-perit Doublet huwa:

(i) Struttura ta' sostenn:

€158,857.50/ Lm68,197.52 (inkl. VAT)

(ii) Nuqqas ta' valur minħabba l-istruttura ta' sostenn:

€15,000/ Lm6,439.50

(iii) Nuqqas ta' valur estetiku minħabba l-istruttura ta' sostenn:

€12,000/ Lm5,151.60

(iv) Testijiet tal-Building and Civil Engineering Department, University of Malta:

€1,618.31/ Lm6,439.50

(v) Drittijiet u spejjeż dwar ir-rapport addizzjonali:

75% tal-ammonti intaxxati mid-Deputat Reġistratur.

Il-perit AIC Franco Montesin fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2010 ppreżenta kopja tar-risposti tiegħu bil-miktub[21] u kkonferma l-istess bil-ġurament tiegħu.

Huwa spjega li ftit li xejn kellu x'jaqsam mal-kalkulazzjonijiet strutturali. Dwar ir-*Rebound Hammer* qal li huwa dejjem sostna li dan kellu valur komparattiv u li qatt m'għandu jintuża biex jiġi estrapolat minnu xi saħħa speċifika ta' konkos. Spjega li kienu diġa ttieħdu *cores* qabel ma daħal hu, u ttieħdu oħrajn wara li daħal hu. Qal li l-użu tas-*Schmidt Rebound Hammer* sar minnu bħala mod komparattiv billi qabbel il-valuri mogħtija fil-viċinanzi immedjati ta' fejn ittieħdu l-*cores* mal-postijiet l-oħra peress illi għall-*cores* kellhom valur peress li tkissru. Qal li r-riżultati kienu in ġenerali jaqblu u dan għalih kien ifisser li l-

[21] Fol 399

konkos kien bejn wiehed u iehor tal-istess kwalità kullimkien. Dwar il-calibration jgħid li ma jafx saritx, però jemmen li m'għandux ikollu effett fuq ir-riżultat. Jispjega li l-użu tal-calibration kien jagħmel sens kieku wieħed kien se jitlaq mingħajr m'għandu ma xiex iqabbel.

Jiġi spjegat illi l-perit tekniku addizzjonali l-AIC Andrew Ellul ippreżenta rapport indipendenti minn tal-periti addizzjonali l-AIC Alan Saliba u l-AIC Mario Cassar peress li ma qabilx mal-konklużjonijiet tagħhom:

(a) *<u>Ir-relazzjoni tal-periti tekniċi addizzjonali AIC Alan Saliba u AIC Mario Cassar</u>*

Dawn iż-żewġ periti addizzjonali qalu illi mix-xiehda tal-attur Mario Vella[22] u tas-surveyor Winston Muscat[23] jirriżulta li t-travi kellhom ikunu ta' saħħa ta' C35, jiġifieri 35N/mm2. Osservaw ukoll illi mis-"sampling" li sar mill-perit Montesin, u mis-soċjetà Solid Base Laboratory Ltd inkarigata mill-periti addizzjonali, irriżulta li wara għoxrin sena, il-konkos tella' saħħa ta' circa 20N/mm2.

Irriferew għall-proposta tal-perit Montesin li ssir struttura tal-ħadid biex issostni dik diġà eżistenti li rriżultat difettuża u li ma nbnietx skont l-arti u s-sengħa u skont dak pattwit.

Iż-żewġ periti qablu li għalkemm tali proposta strutturali tirrimedja d-defiċjenzi li hemm fil-binja, ma kkunsidrawx li jkun idoneju li jintefqu dawk l-ispejjeż kollha b'riżultat li l-bini li qatt ma ntuża jiżżanżan b'diversi elementi (travi oħra tal-ħadid fuq kull naħa tal-kolonni u travi) li huma "intrusive". Ikkunsidraw invece li l-uniku rimedju hu li t-travi jiġu mibdula, ħaġa li tirrikjedi diversi xogħlijiet estensivi oħra fuq per eżempju l-

---

[22] <u>Xhieda tal-attur Mario Vella</u> 21.07.1997, fol 163-165. "*Il-konkos ġibtu minn kumpaniji differenti; kien hemm fejn intuża grade 20, u dan f' xi blajjiet u pedamenti; grade 30 u xi grade 35.*"

[23] <u>Xhieda ta' Winston Muscat</u> 15.10.1999, fol 166-170, "*Kienu intużaw tlett (3) tipi ta' concrete u cioe C20 intuża fil-blajjiet normali u fil-pedamenti, C30 fil-pilastri u t-travi u C35 fil-joints ta' bejn il-pilastri (planki?) tal-prestressed.*"

planki prestressed, u saħansitra fil-pilastri tal-konkos.

Għamlu riferenza għas-sottomissjoni tal-atturi proprio et nomine li l-proprjetà in kwistjoni mhix tal-konvenut[24], u għas-sottomissjoni tal-istess konvenut[25] li kelllu ftehim mas-sid (General Trading Ltd) sabiex jieħu ħsieb tal-iżviupp tal-proprjetà mertu tal-kawża. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi, billi dan l-eżerċizzu ta' kalkulazzjoni tad-danni fir-rigward huwa pjuttost estensiv, a skans ta' spejjeż li jistgħu jirriżultaw inutli, il-periti dehrilhom li ma kellhomx jillikwidaw id-danni sakemm ikun hemm direzzjoni xort'oħra mill-qorti.

Huma kkonkludew:

i) li t-talbiet attriċi m'għandhomx jintlaqgħu;

ii) li l-ewwel kontro-talba tirriżulta ppruvata peress li l-binja hija effettivament difettuża,

iii) li t-tieni (u allura anke t-tielet) kontro-talba tibqa' impreġudikata pendenti l-mertu legali mqajjem mill-atturi proprio et nomine dwar il-fatt li l-binja mhix tal-konvenut;

iv) li r-raba' kontro-talba għandha tintlaqa' billi hija l-oppost tal-ewwel talba attriċi; u

Fost ir-risposti tagħhom in eskuzzjoni[26], huma qalu li dawk iż-żminijiet li saret il-kostruzzjoni, il-konkos strutturali kellu jkun ta' saħħa mhux inqas minn C20 jiġifieri 20NM/mm2 iżda normalment kien jiġi speċifikat konkos ta' saħħa mhux anqas minn C25 jiġifieri 25N/mm2. Mistoqsija jekk jaqblux li kien hemm penetrazzjoni ta' ilma minħabba li ma sarx maintenance fuq il-bejt, wieġbu fl-affermattiv, iżda speċifikaw illi l-penetrazzjoni tal-ilma tax-xita ma tagħmilx ħsara lill-konkos per se, iżda tkun kaġun li jsaddad ir-rinforz tal-ħadid fl-istess konkos.

---

[24] Rikors a fol 220

[25] Risposta a fol 245-246

[26] Domandi ta' Dr P Caruana Galizia: fol 501-502

*(b) Ir-relazzjoni tal-perit tekniku addizzjonali AIC Andrew Ellul*

Il-perit tekniku addizzjonali l-AIC Andrew Ellul fir-rigward tas-saħħa tat-travi għamel riferenza għar-rapport oriġinali tal-perit Doublet[27] fejn dan qal li s-saħħa normali minimu rikjest huwa ta' 20.7N/mm2 iżda li normalment jiġi speċifikat u ordnat Grade 25 u li Winston Muscat xehed li kellu jkun ta' C30. Il-perit Ellul aċċenna għall-fatt li fit-testijiet il-ġodda l-konkos tella' 20.3N/mm2 u qal li dan hu l-minimu li talab il-perit tekniku Doublet.

Ikkummenta illi għalkemm l-attur xehed li ordna konkos ta' Grade 20/30/35 ma kellu l-ebda obbligu li jagħmel dan għax ma kienx speċifikat fil-kuntratt/pjanti u lanqas ma ġie rifless fil-kejl. Aċċenna għall-fatt li ma hemm l-ebda prova fil-kuntratt tax-xogħlijiet, fil-pjanti jew fil-kejl li l-konkos tat-travi u l-pilastri kellu jkun Grade 35.

Jaċċenna wkoll għall-fatt li l-kunsiderazzjoni tal-perit Doublet li t-travi jissaħħu/ jinbidlu sar fuq ir-riżultati tal-konkos oriġinali ta' 7.85N/mm2 u mhux fuq ir-riżultati ta' 20.3N/mm2.

Ikkummenta wkoll li l-bini (inkluż is-soqfa tal-konkos) kien soġġett għall-penetrazzjoni tal-ilma u saret ħsara fih li m'għandhiex x'taqsam mal-kwalità tal-konkos.

Huwa xehed darbtejn in eskussjoni: fl-20 ta' Ottubru 2015[28], u fit-12 ta' Jannar 2016[29]. Huwa ikkonferma li iktar ma jgħaddi ż-żmien il-konkos jissaħħaħ, però ma qabilx li dan jista' jissaħħaħ bil-percentwali ta' 60% kif qal il-perit Doublet. Qal illi jinkwetah il-fatt li hemm avarija kbira fir-riżultati tat-testijiet, u cioè li ta' Harrison (fuq core wieħed) tella' saħħa ta' 13.1N/mm2, tal-Università (fuq sitt cores) tella' saħħa (average) ta' 8.5N/mm2, u ta' Solid Base Lab Ltd fuq (disa' cores) tella' saħħa ta' 20.3N/mm2. Żied jgħid li ma hemmx miktub imkien li l-*iSchmidt Hammer* kien kalibrat u anzi qal li

[27] P.98 tar-rapport, fol 196

[28] Xiehda tal-perit Andrew Ellul tla-20 ta' Ottubru 2015, fol 507-510

[29] Xiehda tal-perit Andrew Ellul tat-12 ta' Jannar 2016, fol 512-520

ma kellux jintuża *Schmidt Hammer* għat-testijiet. Fir-rigward tal-għoli tat-travijiet (kuntrarjament għal dak li kkonstata l-perit Doublet) qal li travu ta' 21 pulzier huwa addattatt għall-piż li qed jieħu. Qal ukoll li huwa ċċekkja travu wieħed biss u ċċertifikah bħala idoneju. Mistoqsi jekk jaqbilx mal-elenku sħih ta' difetti oħra li għamel il-perit Doublet, fosthom illi ġeneralment ix-xogħol tal-konkos ma kienx skont is-sengħa u l-arti u li ma jistax ikunu tollerabbli id-difetti fit-taraġ, fil-protezzjoni kontra l-umdità, fin-nuqqas ta' tajn fil-fili eċċetera, huwa rrisponda fl-affermattiv.

F'dan l-isfond il-Qorti kkunsidrat illi l-binja in kwistjoni hija showroom fuq erba' sulari u basement f'Arcade Street, Paola. Tikkonsisti primarjament f'kolonni u travi tal-konkos "*cast in situ*" li fuqhom iserrħu planki "*prestressed*" tal-konkos. Il-kont maħruġ mill-atturi proprio et nomine jidher li hu korrett iżda l-konvenut qed jallega li x-xogħol sar ħażin u li l-atturi proprio et nomine huma responsabbli għad-danni li mmaterjalizzaw bħala konsegwenza ta' tali xogħol ħażin. Isostni li għalhekk mhux biss m'għandux iħallas il-bilanċ ta' Lm5,534.28 lill-atturi proprio et nomine iżda saħansitra l-atturi proprio et nomine għandhom jiġu ordnati jagħmlu tajjeb għad-danni li huwa sofra bħala riżultat ta' dan ix-xogħol ħażin.

Kif jirriżulta mill-verbal tal-1 ta' Ġunju 2016, din is-sentenza hija limitata:

(i) għat-talbiet tal-atturi proprio et nomine u
(ii) għall-ewwel talba rikonvenzjonali tal-konvenut.

Il-qorti wara li eżaminat il-kontenut tar-rapporti tad-diversi periti tekniċi, il-konklużjonijiet tagħhom u anke x-xiehda tagħhom in eskussjoni, qieset illi:

- Waħda mill-akbar problemi inkwetanti jidher li kienet tirrigwarda s-saħħa tal-konkos fit-travi.

- Skont ma spjega l-perit Frederick C Doublet is-saħħa tal-konkos tiġi speċifikata għas-saħħa minima li għandu jiżviluppa konkos ta' 28 ġurnata, u dan ikompli jżid fis-saħħa, u wara sena jkollu saħħa kompressiva anke sa

circa 60% aktar. (Wara din is-sena jiżdied b'rata minima li dejjem tonqos). Il-perit addizzjonali Andrew Ellul għalkemm ma jaqbilx ma dan il-percentwali li semma' l-perit Doublet, jaqbel li l-konkos effettivament jissaħħaħ biż-żmien.

- Is-surveyor Winston Muscat xehed li fit-travi intuża konkos tas-saħħa ta' C30 (30N/mm2). Però jidher li ma kien hemm l-ebda ftehim bil-miktub fir-rigward tal-grad tal-konkos li kellu jintuża għat-travi.

- Il-perit Simone Chircop (manager tas-soċjetà Harrison & Co Ltd li fl-1999 għamlet test fuq sample mill-"*middle beam over second floor*" qalet li "*Normalment konkos fit-travi jkun bejn 25N/mm2 u 35N/mm2*." Qalet ukoll li ġew osservati xquq bid-*dead weight* li "*probabbilment jiżdiedu meta jkun hemm il-live load*".

- Il-periti addizzjonali Cassar u Saliba fir-risposti tagħhom għad-domandi in eskussjoni tad-difensur tal-atturi proprio et nomine wieġbu li dawk iż-żminijiet normalment kien jintuża konkos ta' saħħa mhux inqas minn C25 u l-prassi kienet li ma jkunx inqas minn C20.

- Skont it-testijiet li saru f' perjodi differenti irriżulta hekk:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Harrison & Co Ltd | (1999) | (fuq core) | 13.1N/mm2 |
| Univ of Malta | (2006) | (fuq 6 cores) | 8.5N/mm2 |
| Solid Base Lab Ltd | (2013) | (fuq 9 cores) | 20.3N/mm2 |

- Ma jirriżultax jekk l-*iSchmidt Hammer* (li ntuża fit-testijiet li saru mill-Università) kienx kalibrat, iżda l-perit Montesin in eskussjoni qal li fi kwalunkwe każ dan ma kienx ser ikollu effett fuq ir-riżultat, peress li f'dan il-każ diġà kien hemm valuri ma xiex wieħed iqabbel.

- Veru li hemm diskrepanzi pjuttost kbar fil-valuri (kif innota l-perit tekniku addizzjonali Andrew Ellul), iżda t-tlett valuri jindikaw li l-konkos li intuża ma kienx dak li tirrikjedi s-sengħa. Ladarba, kif spjega l-perit Doublet, is-saħħa tal-konkos hija kkalkulata wara 28 ġurnata u li din

tkompli iżżid biż-żmien, ifisser għalhekk li l-grad tal-konkos li intuża meta saret il-kostruzzjoni fl-1992 ċertament li ma kienx tal-minimu ta' 20N/mm2, u wisq anqas ta' 30N/mm2 li skont Winston Muscat kien dak li intuża.

- Kwistjoni oħra li aċċenna għaliha l-perit Doublet kienet fuq l-għoli tat-travi.

- Skont il-perit Doublet, il-fatt li t-travi għandhom għoli ta' 21 pulzier ifisser li m'humiex addattati u jammontaw għal xogħol ħażin. Il-perit tekniku addizzjonali Ellul invece fix-xiehda tiegħu in eskussjoni qal li *"Travu ta' 21 inches huwa addattat għal dak il-piż li qed jieħu."* Fil-fatt jgħid li l-perit Doublet kien żbaljat. Il-perit Doublet fir-rapport tiegħu jaċċenna għad-Dok MW1 (sketch drawing tal-perit Piju Busuttil) esebit mis-surveyor Winston Muscat u jgħid li skont tali dokument it-travu speċifikat fih kellu jkollu għoli ta' 29 pulzier u mhux ta' 21. L-istess Doublet in eskussjoni qal li kieku d-disinn kien jindika 21 inches kien jitfa' t-tort fuq il-perit, iżda kien konvint li dan id-dettall li t-travu kellu jkollu għoli ta' 29" irriżulta minn dan id-dokument. Dan id-dokument però stranament ma jinstabx fil-proċess u għalhekk din il-qorti mhux f' pożizzjoni li tivverifika x'għoli ta' travu kien indikat fuq l-istess dokument. In oltre l-atturi pro et nomine jiċħdu li qatt kellhom kopja ta' tali dokument.

- Barra mill-kwistjonijiet relatati mat-travi, hemm diversi difetti strutturali oħra li ġew konstatati. Xi elementi strutturali irriflettew traskuraġni u parti mix-xogħlijiet ma kinux invell jew ċomb. Irriżulta nuqqas ta' vibrazzjoni fil-konkos li ntuża biex imtela bejn il-planki. L-istess meta kellha ssir xibka fis-suletta ta' taħt il-planki, li ma saritx.

- Il-perit Andrew Ellul aċċenna għall-fatt li l-bini (inkluż is-soqfa tal-konkos) kien soġġett għall-penetrazzjoni tal-ilma u saret ħsara fih li m'għandhiex x'taqsam mal-kwalità tal-konkos. Dwar dan però il-periti tekniċi addizzjonali l-oħra Saliba u Cassar qalu li dan il-fatt din ma jagħmilx ħsara lill-konkos per se, iżda jkun kaġun li jsaddad ir-rinforż tal-

ħadid fl-istess konkos.

- Barra d-difetti strutturali irriżultaw ħafna inakkuratezzi fix-xogħol tal-konkrit, kemm bħala vertikalità u orizzontalità difettuża b'riżultat ta skarsità ta' angoli retti fl-aperturi, kif ukoll bħala finitura, bħal tmewwiġ fil-konkos minħabba armar ħażin u ġeneralment xogħol tal-konkos mhux skont is-sengħa u l-arti. Irriżultaw ukoll difetti fit-taraġ, fil-protezzjoni kontra l-umdità, indikazzjonijiet ta' nuqqas ta' tajn fil-fili tal-ħitan eċċ. Jidher li dwar dawn ma hemmx disgwid bejn il-periti tekniċi.

- Fid-dawl ta' dan kollu, din il-qorti hija sodisfatta li jirriżulta ampjament pruvat li l-kostruzzjoni hija difettuża u mhux skont l-arti u sengħa u għaldaqstant il-konvenut m'għandux iħallas il-bilanċ pretiż ta' Lm5,534.28 (li huwa bejn wieħed u ieħor 10% mill-kont totali ta' Lm51,36728).

F'dawn ic-cirkostanzi, ghaldaqstant, din il-qorti ser tgħaddi issa biex tikkonsidra l-ewwel talba rikonvenzjonali tal-konvenut u cioè: jekk bħala riżultat tax-xogħol difettuż li ġie kkonstatat fil-proprjetà in kwistjoni, sofriex danni l-konvenut personalment.

Issir fl-ewwel lok riferenza għar-rikors li kienu ippreżentaw l-atturi proprio et nomine fit-13 ta' Frar 2004[30] fejn spjegaw li kien irriżultalhom li l-konvenut ma kienx il-proprjetarju tal-fond in kwistjoni. Spjegaw illi meta għamel il-kontro-talba, il-fond kien proprjetà ta' Sammut General Trading Ltd li eventwalment biddlet isimha għal S.B.T. Ltd u li minn dak iż-żmien il-proprjetà ġiet trasferita lis-soċjetà Gaspoli Ltd. Kienu sostnew li allura l-konvenut qatt ma kellu l-interess ġuridiku neċessarju biex jagħmel il-kontro-talba u għalhekk talbu li jippreżentaw eċċezzjonu ulterjuri f'dan is-sens a tenur tal-Artikolu 728(2) tal-Kap 12.

Il-konvenut kien wiegeb fl-1 ta' April 2004[31] u kkonferma li

---

[30] Rikors tal-atturi pro et noe biex jiġu awtorizzati jippreżentaw eċċezzjoni ulterjuri, fol 220

[31] Risposta tal-konvenut, fol 245-246

effettivament il-proprjetà qatt ma kienet tiegħu proprio iżda tas-soċjetà Sammut General Trading Ltd li tagħha huwa wieħed mit-tlett azzjonisti u li t-tnejn l-oħra huma ħutu. Spjega li kien inkarigat mis-soċjetà Sammut General Trading li jieħu ħsieb il-kostruzzjoni in kwistjoni. Jargumenta illi l-ftehim tal-appalt għax-xogħlijiet tal-kostruzzjoni tal-proprjetà in kwistjoni sar bejnu u bejn l-atturi proprio et nomine kif tindika ċ-ċitazzjoni u għalhekk ladarba r-responsabbiltà għall-ħlas tax-xogħlijiet relattivi kienet tinkombi fuqu, similment l-atturi proprio et nomine kellhom l-obbligu li jesegwixxu l-inkarigu skont is-sengħa u l-arti u li fin-nuqqas huma responsabbli għad-danni sabiex in-nuqqas tagħhom jiġi rimedjat fil-konfront tiegħu.

Ikkonferma illi fit-2 ta' Ottubru 2003 is-soċjetà Sammut General Trading (li fil-frattemp biddlet ismha għal SBT Ltd) ittrasferiet l-assi tagħha (inkluż dik mertu ta' din il-kawża) lil Gasapoli Ltd li hija soċjetà oħra tal-istess azzjonisti, u cioè l-aħwa Sammut u uliedhom kumplessivament.

Jargumenta illi l-intendiment bejn Sammut General Trading Ltd u hu dejjem kien li ladarba kien inkarigat mill-iżvilupp tal-proprjetà in kwistjoni, ir-responsabilità għall-problemi riżultanti mill-istess żvilupp kienet unikament fuqu u għalhekk kellu jirrispondi personalment fil-konfront tas-sid tal-proprjetà. Huwa rriserva d-dritt li jġib il-provi kollha meħtieġa f'dan ir-rigward.

Din il-qorti (diversament preseduta) fit-13 ta' April 2004 kienet iddegretat illi:

> *"…l-konvenut, fil-kontro-talba tiegħu, qed jitlob il-likwidazzjoni u ħlas tad-danni versu tiegħu personalment u kwindi din il-kontro-talba tiegħu tista' tintlaqa' jew taqa' fuq din il-bażi biss; il-konvenut qed jallega li hu personalment sofra danni u hi din l-allegazzjoni li hu jrid jipprova; jekk jirriżulta li xi danni ġew sofferti biss minn xi kumpanija din hi kwistjoni li trid tiġi eżaminata fil-kuntest tal-kontro-talba kif formulata, però dan ma jfissirx li l-kontro-talba hija ab initio nulla. Kwindi ma jidhirx li hemm lok li tiġi sollevata eċċezzjoni ulterjuri fis-sens indikat. Kwindi,*

*qed tiċħad it-talba."*

Il-konvenut fin-nota tas-sottomissjonijiet tiegħu jargumenta illi ladarba l-ftehim ta' appalt għax-xogħlijiet tal-kostruzzjoni tal-proprjetà mertu ta' din il-kawża sar proprju bejn il-partijiet f'din il-kawża, u ladarba r-responsabilità għall-ħlas tax-xogħlijiet relattivi kienet tinkombi fuqu, hekk ukoll l-atturi pro et nomine kellhom l-obbligu li jesegwixxu l-inkarigu tagħhom skont is-sengħa u l-arti u fin-nuqqas huma responsabbli sabiex in-nuqqasijiet tagħhom jiġu rimedjati fil-konfront tiegħu, li fl-aħħar mill-aħħar huwa rikonoxxut mill-istess atturi pro et nomine bħala l-unika persuna/entità li magħha għandhom relazzjoni ġuridika.

Din il-qorti tosserva però illi t-talba rikonvenzjonali tal-konvenut kif formulata, mhix sabiex l-atturi pro et nomine jiġu kkundannati jirrimedjaw ix-xogħol ħażin li għamlu, jew biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż li hemm bżonn isiru fir-rigward, iżda biex iħallsu lill-konvenut għad-danni sofferti minnu (personalment). Kif irriteniet din l-istess qorti fid-digriet tat-13 ta' April 2004, biex it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut tintlaqa' huwa għandu jipprova li huwa personalment sofra danni naxxenti mill-fatt li l-kostruzzjoni hija difettuża – ħaġa li baqa' m'għamilx.

Għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiċħad it-talbiet tal-atturi proprio et nomine, u tiċħad l-ewwel talba rikonvenzjonali tal-konvenut.

L-ispejjeż għandhom jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

IMHALLEF

DEP/REG